MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 107/2003

**Edwin Borg**

**vs**

**Carmel sive Charles Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attur li bih, wara li ppremetta:

Illi l-attur f'diversi okkazzjonijiet silef *brevi manu* lill-konvenut diversi somom ta' flus ammontanti ghas-somma komplessiva ta' hamsa u sittin elf u hames mitt lira Maltin (Lm65,500), minghajr imghax;

Illi permezz ta' skrittura privata datata l-wiehed u tletin (31) ta' Jannar 2003 (annessa mac-citazzjoni

bhala Dok. “EB”), il-konvenut ikkostitwixxa ruhu cert u likwidu debitur ta’ l-attur fis-somma msemmija ta’ hamsa u sittin elf u hames mitt lira Maltin (Lm65,500), bl-imghax fuq l-imsemmija somma dekorribbli bir-rata legali ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) b’effett minn dakinhar;

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u ghalhekk in vista tad-dikjarazzjoni attrici, kif ukoll ta’ l-affidavit anness mac-citazzjoni a tenur ta’ l-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 u ta’ l-iskrittura esebita bhala Dok. “EB”, jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat is-smigh;

Talab illi dina l-Qorti:

1. tiddeciedi din il-kawza skond is-segwenti talba attrici bid-dispensa tas-smigh a tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tiddikjara lill-konvenut debitur ta’ l-attur fis-somma ta’ hamsa u sittin elf u hames mitt lira Maltin (Lm65,500) bl-imghax legali tat-tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a.) dekorribbli mill-wiehed u tletin ta’ Jannar, 2003.

Bl-ispejjez legali, bir-riserva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri fil-ligi, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------